Minuti tat-Tmien (08) Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 6ta' April, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Ray Bartolo | 6.35 p.m. | 9.30 p.m. |
| Vici-Chairperson Simone Aquilina | 6.30 p.m. | 9,30 p.m. |
| Membru Peter Abela | 6.32p.m. | 9.30 p.m. |
| Membru Carmel Hili | 6.35p.m. | 9.30 p.m. |
| Membru Joseph Mario Hili | 6.35p.m. | 9.30. p.m. |

Iċ-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kienu preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Qari tal-Minuti tas-Seba' (07) Laqgħa li nżammet nhar il-Erbgha 23 ta' Frar, 2011**

1.01 Il-minuti kienu ntbagħtu qabel il-Laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Saru dawn il- korrezzjonijiet:

**(1)** F’item 1.0 Id-data tinbidel u ssir 2011

**(2)** F’item 1.01 (3)(a) fit-tielet paragrafu tinqata l-kelma : **“Huwa” u ssir “Is-Segretarju”**

**(3)** F’item 1.01 (4) : jinbidlu l-kliem **“John Mary Hili”** u jsiru **“Joseph Mario Hili”**

**(4)** F’item 1.01(5): tiżdied il-kelma **“politikament”** wara il-kliem **“x’kulur huwa.”**

**(5)** F’item 5.01: jitneħħa n-numru tal-mobile.

**(6)** F’item 5.02: tinbidel il kelma **“Saret”** fil-bidu tas-sentenza u issir **“Għandha ssir”.**

1.02 Saru l-korrezzjonijiet tal-minuti u ġew iffirmati.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.01 **Dwar Item 2.03 (Korrispondenza) –** Inqrat ir-risposta mis-Sinjura Gemma Debono (DLG) dwar l-aġir ta’ membru tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Is-Sur Ray Bartolo ikkwota wkoll l-kodiċi ta’ etika dwar kif għandhom jaġixxu l-membri/kunsilliera fil-qadi ta’ dmirijiethom. Ic-Chairperson qal li ghal din id-darba ma kienx ser jitlob li tittiehed azzjoni pero kulhadd ghandu jzomm f’mohhu dawn il-kodici. Is-Sur Hili talab u ingħata kopja tar-risposta ta’ Gemma Debono.

2.02 **Dwar Item 2.04** –Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo, qal li kien tkellem ma min jissuplixxi sinjali tat-trffiku bis-sistema solari u dan infurmah li *beacon lights* kienu jiswew madwar 400 euro. Ġie deċiż li tintalab kwotazzjoni għal żewġ *solar signs ’45km p.hr’* wara li jiġu ikkonsultati TM dwar jekk hemmx bżonn permessi biex jitwaħħlu dawn it-tip ta’ tabelli.

2.03 **Dwar Item 2.06** – Dwar il-klieb li kien hemm jiġġerrew f’Burmarrad intqal li jidher li l-pulizija kienu sabu min hu sid dawn il-klieb u dan l-aħħar dawn il-klieb ma kienux dehru aktar.

2.04 **Dwar Item 2.07** – L-istqarrija għall-*media* kienet dehret f'xi gurnali.

2.05 **Dwar Item 3.01** - Kienet intalbet kwotazzjoni għal-*floodlights metal hilite*.

2.06 **Dwar Item 3.03** – TM approvaw biss li jsiru *double yellow lines man-naha tal-bankina ta' taht il-knisja*.

2.07 **Dwar Item 3.04** – TM kienu approvaw li jsiru *road humps* quddiem in-*nursery school 'Jack and Jill'* fi Triq Manuel Bonnici u għalhekk għandha tinħareġ *works order* sabiex dawn isiru.

2.08 **Dwar Item 4.00**– Ic-chairperson Ray Bartolo qal li kien tkellem ma' APS BANK u dawn kienu interessati li jagħtu sponsor sabiex isiru erba *welcome boards* f'Burmarrad u li jipparteċipaw ukoll f'attivitajiet li jsiru.

2.09 **Dwar Item 5.02** – Kienet saret laqgħa mal-Perit Suzanna Bonello ta' TM u din qablet li titwessa il-bankina u li jsiru xi alterazjonijiet oħra fit-triq principali ta' Burmarrad fiż-żona ta' quddiem il-*football ground*. Ghandna ngibu xi disinji tal-Perit.

2.10 **Dwar Item 7.01** – Intqal li Wardija Fest ma kienitx ser issir ghax kien daħal wisq iż-żmien u minħabba xi oġġezzjonijiet li kienu saru mill-assoċjoazjoni tar-residenti tal-Wardija. Is-Sinjura Simone Aquilina ġiet inkarigata sabiex tesplora kif il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad jista' jipparteċipa fil-festa tal-Wardija billi jiġi mwaqqaf sotto-kumitat għal dan il-għan. Saret ukoll proposta li tiġi nkluża xi attivita' li ssir fil-Wardija meta jsiru applikazjonijiet ghall-fondi ta' l-attivitajiet.

Is-Sur Peter Abela talab li tinġab informazjoni mill-KKT dwar kemm saru enforcements dwar *parking* fuq il-bankini.

2.11 **Dwar Item 7.02** – Is-Sur Ray Bartolo qal li kienet ser issir laqgħa mal-ministeru sabiex jiġi diskuss x-xogħol li kellu jsir minn haddiema tal-MRRA.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

3.01 Iċ-Chairperson qal li kienet waslet korrispondenza (ref. 55-2491-11I) dwar bżonn ta' bozza ġdida u kienet saret l-applikazjoni meħtieġa mill-iskrivana tal-Kunsill sabiex tinġab l-approvazjoni mingħand Enemalta.

**4.00 *Welcome Boards Sponsorship.***

4.01 Dan is suggett ġie diskuss aktar kmieni fl-item 'Punti li Joħorġu mill-Minuti'.

**5.00 Update fuq proġetti tal-Iskema.**

**5.01** Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal sar id-*design* tal-bankijiet li għandhom isiru f'San Pawl Milqi u dan ġie approvat mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv wara li kien ġie iċċirkulat lilhom u sar qbil ukoll ma tal-Heritage Malta dwar dawn il-bankijiet.

**5.02** Ġew approvat ukoll pjanti tal-perit dwar id-*design* tal-Playing Field ġdida f'Burmarrad.

**6.00 Solar Signs.**

6.01 Dan is suggett ġie diskuss aktar kmieni fl-item 'Punti li Joħorġu mill-Minuti'.

**7.00 Measure 125 (Programm Leader).**

7.01 Il-membri ntalbu jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom dwar toroq fir-raba li għandhom jiġu nklużi fl-applikazzjoni li kienet ser issir mill-Kunsill taħt il-mizura 125 tal-programm Leader. Dawn it-toroq rurali jridu jkunu ta' aċċess fl-għelieqi u li jistgħu jintużaw mill-pubbliku.

**8.00 Ħwejjeġ Oħra**.

8.01 Is-Sur Peter Abela talab li ssir bankina minn ħdejn Scotts Super Market sa ħdejn Burmarrad Commercials. Ġie deċiż li ssir talba lill-TM.

8.02 Il-Membru s-Sur Carmel semma li kien hemm diversi toroq mingħajr tabelli tal-isem tat-triq. Huwa kien ser jippreżenta lista ta’ dawn it-toroq f’laqgħa oħra tal-Kumitat.

Is-Sur Carmel Hili talab li jingħata isem lit-triq li taqsam quddiem Suiga Bar.

8.03 Il-Membru Joseph Mario Hili qal li kien hemm bżonn ta’ spezzjoni tal-bankina ta’ quddiem Burmarrad Commercials ghaliex din kellha bzonn ta’ manutenzjoni.

Huwa talab ukoll li tinbidel l-iskip ta’ Triq San Pawl Milqi kantuniera ma Triq Patri Wistin Magro.

8.04 Ic-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo qal li ikun ahjar jekk tenders li jirrigwardjaw Burmarrad kienu ser jinħarġu bħala parti min dawk tal-Kunsill kif kien isir fil-passat għal raġunijiet ta’ ekonomija. Il-Kumitat qabel.

8.05 Is-Sinjura Simone Aquilina talbet li jingħata skip żgħir lill-familja ta’ anzjani li toqgħod ħdejn Palazzo Promontorio fil-Wardija. Il-Kumitat qabel li ser nistennew li johrog il-Kuntratt il-gdid ta’ l-iskart.

Hija talbet li jitnaddaf il-culvert tal-Wardija u titpoġġa gradilja tal-ħadid fuqu wara li dan jiġi livellat sew.

Hija talbet ukoll li tinkiteb ittra lil Scotts Super Market dwar li dawn ma jistgħux jimblukkaw it-triq meta jkunu qed iħottu l-merkanzija mit-trakkijiet tagħhom.

Hija talbet ukoll li jsiru sinjali tat-traffiku ħdejn dan l-istess stabbiliment u speċjalment lis-*stop signs*. Ic-Chairperson ikkonferma li dawn kienu saru ricentament.

**9.00 Gheluq**.
Il-Laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Ray Bartolo | John J. Camilleri |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |